MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Numru 368/2007/3

**Il-Pulizija**
**(Spt. Domenic Micallef)**
**(Surgent Dr. Jason Grima)**
**Vs**

**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-4 ta’ Marzu, 2007, ghall-habta ta’ 03.45 pm gewwa triq St. Lucia, Valletta :
1. kisret il-bon ordni w l-paci pubblika b’ghajjat u glied;
2. ingurjat jew hedded bi kliem lil Omissis 1, Omissis 2 w Omissis 3;
3. qalet kliem oxxen jew indicenti li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 t’Ottubru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 338(d)(d), 339(e), 338(b)(b), 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieha w ghaldaqstant ikkundannatha ghal gimghatejn (2) detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-25 t’Ottubru, 2007, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni w htija jew okkorrendo jekk issibha hatja, tiffissa piena alternattiva w aktar idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti , fil-qosor, huma s-segwenti w cioe:- li l-appellanti kienet qed teccepixxi l-preskrizzjoni ta' tlitt xhur u li l-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva, tenendo kont li hawn si tratta ta' tifla minorenni ta' erbatax il-sena u li hi first time offender.

Semghet ix-xhieda waqt l-udjenza tas-6 ta' Dicembru, 2007;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni Taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju li jrid jigi trattat ghax hu wiehed dirimenti tal-azzjoni penali hu dak tal-preskrizzjoni trimestrali.

Illi l-appellanti qed tissottometti li n-notifika tal-komparixxi li saret f' Mejju, 2007, ma kienetx wahda valida ghax ma

gietx notifikata regolarment . Illi l-allegati reati gew kommessi fl-4 ta' Marzu, 2007. Mill-atti processwali jirrizulta li c-citazzjoni inharget fil-25 t' April, 2007. (Fol. 1) u din kienet issejjah lill-appellanti biex tidher quddiem il-Qorti bhala Qorti tal-Minorenni fid-9 ta' Mejju, 2007. Mir-riferta pozittiva esebita a fol. 5 tal-process jidher li din il-komparixxi giet imqassma lill-appellanti fil-fond omissis f' idejn missierha. Fid-9 ta' Mejju, 2007, pero' l-appellanti ma dehritx u l-kawza giet differita ghas-17 t' Ottubru, 2007. (fol. 4). Meta dehret fis-17 t' Ottubru, 2007, instemghu l-provi w il-kawza giet deciza. Dak in-nhar ma gietx sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Meta xehdet quddiem din il-Qorti, l-appellanti ghar-rigward ta' din l-eccezzjoni u dan l-aggravju, qalet li ommha w missierha ma jghixux flimkien u missierha joqghod omissis u ommha omissis. Qalet li wara l-glieda (u cioe' l-incident mertu tal-kawza) kienet marret toqghod ma ommha minn April sa Mejju 2007 u wara rritornat tghix ma missierha. Meta grat il-glieda kienet toqghod ma missierha pero' u tahseb illi kien ilha xi sena hemm. Hi gieli torqod ghand missierha w gieli torqod ghand ommha. L-iskola bl-indirizz ta' missierha qeghdha. Missierha l-karta tal-Qorti ma kienx tahilha ghax ma kienetx toqghod mieghu. F' Ottubru kienu marru jigbruha minnghand missierha imma l-karta ma kienetx ghandha.

Ikkonsidrat;

Illi l-Artikolu 362(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li *"ic-citazzjoni ghandha tinghata f'idejn il-persuna li ghandha tigi mharrka, u jekk din il-persuna ma tkunx tista' tinsab facilment, ic-citazzjoni ghandha tithalla fid-dar fejn hija soltu tkun toqghod…".* Il-ligi penali ma tezigix li c-citazzjoni ghandha tithalla ma' xi persuna partikolari jew ta' eta` partikolari – ghalkemm, bhala prekawzjoni, u biex ma jinqalghux kumplikazzjonijiet, huwa dejjem prudenti li tali citazzjoni tithalla ma' persuni li ma jkunux ta' eta` zghira hafna (anzi preferibbilment ma' adulti[1]), u dan sabiex jigi

[1] Ara a propositu is-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Themistocles sive Temi Attard**.

assigurat li l-imputat jew akkuzat ikun zgur gie a konjizzjoni tad-data meta huwa jkun gie msejjah biex jidher quddiem il-Qorti. Kull ma tirrikjedi din id-disposizzjoni, ghall-finijiet ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, huwa li c-citazzjoni "*tithalla fid-dar*" tar-residenza abitwali tal-imputat jew akkuzat, u l-persuna li tirceviha hija mehtiega biss ghall-fini tal-prova li verament dik ic-citazzjoni thalliet f'dik id-dar. Huwa minnu, li l-ligi tghid li huwa "*jekk il-persuna ma tkunx tista' tinsab facilment"* li c-citazzjoni ghandha hekk tithalla fid-dar tar-residenza abitwali tal-imputat jew akkuzat. Pero` din l-espressjoni – *"jekk din il-persuna ma tkunx tista' tinsab facilment"* – ma tfissirx li l-ufficjal ezekutur ghandu xi obbligu li joqghod jaghmel diversi tentattivi biex jigi wicc-imb-wicc mal-persuna li ghandu jinnotifika biex ic-citazzjoni jaghtihielu f'idejh. L-istruttura tas-subartikolu (1) in kwistjoni tippostula zewg metodi ta' notifika: l-mod preferut, anke peress li b'dan il-mod ftit li xejn jista' jkun hemm kwistjonijiet dwar jekk verament l-imputat jew akkuzat kienx jaf bid-data ta' meta kellu jidher il-Qorti, cioe` li c-citazzjoni tinghata f'idejn dak li jkun, ikun fejn ikun (dejjem, pero`, salv l-eccezzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 363); u t-tieni metodu, li c-citazzjoni tithalla fid-dar kif inghad. Huwa evidenti li l-aktar post fejn wiehed jistenna' li ghandu jsib persuna huwa fil-post fejn l-istess persuna tirrisjedi, w jekk din ma tkunx hemm meta jmur l-ufficjal ezekutur, ifisser li *"ma tkunx tista' tinsab facilment"* ghall-finijiet tad-disposizzjoni in kwistjoni, b'mod ghalhekk li l-ufficjal ezekutur ghandu jhalli c-citazzjoni fid-dar. Sia bl-ewwel metodu w sia bit-tieni metodu tkun saret in-notifika validament ghall-finijiet u effetti kollha tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 693(1) tal-Kap. 9. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Jozef Borg"** [14.1.2008] u ohrajn)

Fil-kaz in dizamina, anki jekk jista' jirrizulta li missier l-appellanti, naqas milli jgib dik ic-citazzjoni a konjizzjoni ta' binthu (l-appellanti odjerna), dan il-fatt kien, se mai, jiskuza lill-appellanti ghan-nuqqas ta' dehra taghha quddiem il-Qorti tal-Minorenni fl-ewwel seduta tad-9 ta' Mejju, 2007, izda ma kienx jintitolaha teccepixxi l-preskrizzjoni galadarba l-Pulizija Ezekuttiva kienet

osservat wahda miz-zewg modalitajiet tan-notifika msemmija fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 362.

Jirrizulta mix-xhieda tal-istess appellanti li sad-data tal-incident in meritu kienet tghix ma missierha fejn proprju saret in-notifika u l-indirizz li kienet taghti ghall-iskola kien dak. Irrizulta ukoll li meta gie ezegwit il-mandat t' arrest dan sar fid-dar ta' missierha f' Ottubru, 2007. Jekk stess hu minnu li ghal xi zmien kienet marret toqghod ma ommha, dan xorta ma jbiddilx il-pozizzjoni w n-notifika f' idejn missierha fit-2 ta' Mejju, 2007, zgur li kienet tikser u tinterrompi l-preskrizzjoni trimestrali applikabbli ghall-kaz li bdiet teddekorri mid-data tal-allegat incident li gara fl-4 ta' Marzu, 2007.

Ghalhekk dan l-aggravju huwa infondat u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li giet solevata ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti qed tigi michuda.

Illi ma hemm ebda aggravju dwar il-mertu ut sic u f' kull kaz mid-depozizzjonijiet ta' Omissis 1 u Omissis 2, l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti jirrizultaw abbondantement pruvati. Minn dawn ix-xhieda johrog li l-appellanti flimkien ma terzi ghal xejn, b' xejn daret maz-zewg xhieda, offendiethom, insolentathom , ghamlet storbju w tkellmet oxxen f' kaz tipiku ta' dak li qed jissejjah "*girl violence"* li ghalkemm mhux daqshekk komuni f' Malta, qed jerfa' rasu f' pajjizi ohra.

Illi l-aggravju l-iehor tal-appellanti jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti .Din il-Qorti kellha hafna okkazzjonijiet fejn ippronunzjat ruha li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella**” [14.6.1999], **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.). F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi.

Di fatti meta l-appellanti kkommettiet ir-reati in kwistjoni kellha erbatax il-sena u kienet waslet biex tghalaq hmistax

il-sena u ghalhekk  kien applikabbli ghaliha l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali li jghid li jekk il-hati jkun ghalaq l-erbatax il-sena izda ma jkollux tmintax il-sena, il-piena applikabbli ghar-reat ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn. Pero' trattandosi ta' kontravvenzjonijiet hija aplikabbli r-regola li tinsab fl-artikolu 31(2) li jghid li tali tnaqqis ma jitqiesx fil-kazijiet ta' kontravvenzjonijiet. Issa l-piena ghat-tlitt kontravvenzjonijiet kommessi mill-appellanti kienet wahda li tvarja minn dik massima ta' xaharejn detenzjoini ghall-wahda ta' ammonizzjoni u reprensjoni, b' dana li invista tal-konkors tar-reati setghet anki tkun oghla minn hekk.

B' dana kollu din il-Qorti tara li f' dan il-kaz il-piena restrittiva tal-liberta' ma kienetx wahda indikata , trattandosi ta' tfajla ta' eta' tenera ferm u li ghandha kondotta w fedina penali netta. Jidher ukoll li din it-tfajla x' aktarx li ghandha problemi kagjonati mis-separazzjoni tal-genituri taghha w ghalhekk ghandha bzonn ghajnuna biex forsi tinqata' mill-kumpanija li qed taghmilha maghha w tigi indirizzata fit-triq ta' agir responsabbli w tigi mghallma "life skills" li jwassluha biex tegheleb xi mankanza fil-hajja familjari taghha minnflok ma tirribella kontra s-socjeta' kif jidher li qed taghmel bl-inkorragiment tal-"*pack"* li taghmilha maghhom.

Ghalhekk, wara li irriflettiet fit-tul dwar x' l-ahjar isir, u fil-waqt li tifhem li x' aktarx l-Ewwel Qorti, bil-piena erogata, riedet taghti taghlima lill-appellanti, ben konxja li din it-taghlima tista' tigi kalibrata in ultima analisi minn din il-Qorti t' appell, din il-Qorti tara li hu l-kaz li jkun hemm temperament fil-piena kif ser jinghid.

Illi fil-fehma tal-Qorti dan hu l-kaz klassiku fejn il-Qrati ghandhom japplikaw il-provvedimenti tal-Probation kontemplati fil-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-ghan li l-hati jigi rekuperat mill-hajja tad-delinkwenza gjovanili w stradat fit-triq it-tajba minn ufficjali kompetenti w dedikati li jiffurmaw parti mill-korp tal-Probation Officers.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament, billi wara li tichad l-eccezzjoni tal-

preskrizzjoni sollevata fl-ewwel aggravju, tirriforma s-sentenza appellata billi tikonfermaha fejn sabet lill-appellanti hatja tat-tlitt imputazzjonijiet dedotti kontra taghha w tirrevokaha fejn ikkundannata ghal gimgha detenzjoni w minnflok, wara li rat l-artikolu 7 tal-Kap. 446 , qed taghmel ordni ta' probation li jkun jihtieg li l-l-appellanti titqieghed taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghall-periodu ta' tlitt snin taht il-kondizzjonijiet l-ohra kollha li jidhru fl-Ordni ta' Probation anness ma din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------